**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 11 ta' Dicembru, 2024**

Numru 10

**Appell Nru. 41/2024**

**Michael Ghigo, John Ghigo, Jane Ghigo,**
**Alexander Ghigo u Rita Ghigo**

**vs**

**L-Awtorita’ tal-Ambjent u r-Rizorsi u**
**l-kjamat in kawza Bonnici Brothers Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tat-terzi oggezzjonanti Ghigo tad-9 ta’ Lulju 2024 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-20 ta’ Gunju 2024 li biha cahad l-appell tat-terzi u ikkonferma l-approvazzjoni tal-Environment Impact Assessment (EIA) mahrug favur l-applikant rigward il-proposta ’Demolition of existing structures, ramp, gates and boundary walls, uprooting and planting trees. Proposed rehabilitation of disused stone quarry, including filling of same and landscaping works. Proposed construction of old people’s home, et seq., fl-Imqabba;

Rat ir-risposta tal-ERA li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat ir-risposta tal-applikant li wkoll li ssottometta li l-appell ghandu jigi michud;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Illi dan l-appell gie ntavolat minn hames (5) persuni fil-kapacita personali taghhom, u huwa kontra d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA) fis-27 ta' Jannar 2023 rigward l-*Environment Impact Assessment (EIA)* b'numru ta' referenza EA00064/19. Dan l-EIA jirrigwarda twaqqiegh ta' strutturi ezistenti u elementi ohra inkluz hitan tassejjiegh u tal-konfini, qlugh u thawwil ta' sigar, rijabilitazzjoni ta' barriera inkluz li jsir mili tal-barriera u xoghlijiet ta' *landscaping*. Il-progett jinkludi kostruzzjoni ta' dar tal-anzjan li tinkludi: livell sotterran li jakkomoda parkegg, zona ghal *unloading/loading*, u facilitajiet ancillari inkluz kcina u *dining area*; livell 0 li jakkomoda *reception area*, *lounge, multipurpose hall*, facilitajiet ancillari u 42 kamra b'zewg sodod; livell 1 li jakkomoda zona ghallimpjegati, lounge, 42 kamra b'zewg sodod, kappella u facilitajiet ancillari; u strutturi fissular tal-bejt li jakkomodaw servizzi. Fil-livell 0 hemm inkluz gonna, spazju ta' parkegg ghal vettura tat-tifi tan-nhar u *minibuses*, rampi li jwasslu ghall-livell sotterran u *security room*. Illi dan il-progett huwa soggett ghal applikazzjoni tal-izvilupp tat-tip *outline* PA/08969/19 li prezentament hija pendenti quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar, u huwa proposta f'zona rurali barra miz-zona tal-izvilupp, specifikament fil-barriera SM61 fi Triq il-Belt Valletta, Ilmqabba.

Illi fl-aggravji tal-appellanti kontra din id-decizjoni jigi ndikat li jezisti dritt ta' passagg li jghaddi mis-sit in mertu u/jew mill-vicinanzi tieghu, u l-EIA ma jiehux kont tal-impatti mahluqa mill-precitat dritt ta' passagg li ser jintuza primarjament minn *heavy vehicles* li jkunu ġejjin u sejrin mill-barrieri taghhom, b'hekk l-EIA huwa vizzjat. Jindikaw li minkejja lapplikant kien a konoxxenza ta' dan id-dritt ta' passaġġ, ghazel li ma jsemmix l-istess, u minkejja li dana kollu ingab a konjizzjoni tal-ERA, hija injorat is-sottomissjonijiet taghhom. F'dan ir-rigward jaghmlu referenza specifika ghal ittra tal-ERA datata 28 ta' Mejju 2021, u b'referenza ghad-definizzjoni ta' "effett" fil-legislazzjoni sussidjarja 549.46 jargumentaw li lERA injorat il-fatt li d-dritt ta' passaġġ ser ikollu effett fuq is-sahha u s-sigurta tal-bniedem, kif ukoll il-kwalità tal-hajja. Jindikaw ukoll li huwa rekwizit ta' kull EIA li jaghti deskrizzjoni tal-iżvilupp propost, b'partijiet mic-*checklist* pubblikata mill-Kummissjoni Ewropea jirrikjedu li jitqies id-dritt ta' passagg. Jikkonkludu li d-decizjoni tal-ERA hija vizzjata abbazi t'erba fatturi.

Illi fir-risposta tas-socjeta applikanti jigi ndikat li l-appell odjern huwa dwar asserzjoni ta' allegati drittijiet ċivili li jeżorbitaw il-kompetenza tat-Tribunal u l-ERA, u li dwar dawn lallegat drittijiet qed jigu kkontestati f'kawża li tinsab quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Jishaq li mhuwiex minnu illi l-passaġġ jifforma parti mis-sit tal-applikazzjoni, filwaqt li jishaq li l-ERA wettqet skrutinju dettaljat u skont il-parametri tal-leġislazzjoni sussidjarja 549.46. Jindika wkoll li fl-ezercizzju li wassal għal deċiżjoni tal-approvazzjoni tal-EIA, l-impatt talattivita' tal-madwar fuq il-proġett ġiet ivvalutat mis-*Social Care Standards Authority* (SCSA) li tat no objection għal dan il-progett.

Illi fir-risposta tal-ERA jigi pprovdut sfond fattwali fejn tindika li waqt il-process tal-EIA, itterzi persuni (illum appellanti) baghtu ittra legali rigwardanti dritt ta' access li hija lAwtorita kienet irrispondiet ghaliha, liema ittra giet appellata quddiem it-Tribunal. Tkompli tispjega li dan l-appell kien gie michud mit-Tribunal, u d-decizjoni tat-Tribunal kkonfermata mill-Qorti tal-Appell, filwaqt li waqt il-laqgħa pubblika tas-27 ta' Jannar 2023 gie għal darb'ohra ċċarat li l-irwol taghha hu li tqis l-impatti ambjentali.
Fir-rigward tal-aggravji mressqa twiegeb bil-punti segwenti:
- Illi l-kwistjoni dwar id-dritt ta' passaġġ hija purament kwistjoni civili li mhijiex fil-mansjoni taghha u lanqas ma hija materja li tittieħed jew li għandha tittieħed in konsiderazzjoni f'EIA. Tindika li hemm

proċeduri ċivili pendenti dwar id-dizgwit bejn il-partijiet li jkompli jikkonferma n-natura purament ċivili tal-kwistjoni, b'hekk din mhijiex sindikabbli minn dan it-Tribunal.
- Illi l-argument tal-appellanti dwar il-mertu ta' dak li qed jigi propost fl-applikazzjoni, ossia dar tal-anzjani f'żona mdawra bil-barrieri, huwa dwar kunflitt ta' użi in kwantu ta' ippjanar, u din l-inkompatibilità preżunta m'hijiex ġejja minn impatti ambjentali kkaġunati millproġett propost.
- Illi l-EIA huwa mahsub biex jistudja l-impatti li progett propost ser ihalli fuq l-ambjent ta' madwaru, u mhux bil-kontra kif jippretendu l-appellanti meta jilmentaw li l-EIA mhux validu ghax mhux qed jikkunsidra l-impatti tal-istorbju, vibrazzjonijiet u trabijiet li ser jiġu kkawżati lill-iżvilupp propost.
- Illi l-valutazzjoni tal-ERA ssir skont l-informazzjoni, id-deskrizzjoni u l-pjanti tal-proġett, u f'każ li jkun hemm tibdil, hija tista' titlob aġġornament jew valutazzjoni mill-ġdid ghassodisfazzjon tagħha *ai termini* tar-regolament 24(3) tal-L.S. 549.46.
- Illi l-iskop tal-EIA, u l-irwol tal-ERA f'dan il-kamp, huwa li tqis u tistħarreġ l-impatti ambjentali u mhux li tidħol fi kwistjonijiet ohra, partikolartment dawk purament ċivili, b'hekk żżomm ferma mal-pożizzjoni tagħha indikat fl-ittra tat-28 ta' Mejju 2021;
- Illi l-"effett" indikat fil-legislazzjoni sussidjarja 549.46 huwa dak li ġie mistharreġ fl-EIA in kwistjoni u ċioè, l-impatti tal-proġett inniffsu fuq l-ambjent, b'dan huwa l-iskop tal-proċess ta' valutazzjoni tal-EIA li jaqa' fil-mansjoni taghha. Tispjega li din hija biss wahda millvalutazzjonijiet tekniċi li jsiru bħala parti mill-proċess sabiex tittieħed deċiżjoni dwar permess tal-iżvilupp, b'hekk kwalunkwe kwistjoni li tmur lil hinn mill-impatti ambjentali għandha tiġi indirizzata lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex tieħu konjizzjoni tagħha.
- Illi l-appellanti qegħdin jipprovaw jirkbu b'mod żbaljat fuq il-proċess tal-EIA għal skopijiet li dan il-proċess mhuwiex intiż għalihom, u dan ikun ta' hsara jekk jithalla jsir ghaliex jxekkel il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali li hija l-għan tal-proċess kollu tal-EIA.
- Illi l-EIA in kwistjoni twettaq skont il-parametri tal-L.S. 549.46, u dan ha in konsiderazzjoni l-impatti diversi li jista jkun hemm mill-iżvilupp propost u l-operat tieghu. L-ERA ticcara li dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha għandhom jitqiesu fil-kuntest xieraq tagħhom, jiġifieri bħala parti mill-ambjent tal-madwar li jista' jġarrab l-impatti kkaġunati mill-proġett.
- Illi l-EIA *Review Checklist* ippubblikata mill-Kummissjoni Ewropea hija linja gwida mhux liġi, u fi kwalunkwe kaz dwar punt 1.13 tac-*checklist* tindika li kull żvilupp ezistenti fiż-żona ta' influwenza gie meħud in konsiderazzjoni fl-EIA in kwistjoni, u li ma ġewx identifikati żviluppi oħra ppjanati ġewwa l-istess żona, bl-EIA in kwistjoni identifika impatti kumulattivi fuq xi elementi tal-ġeoloġija u l-idroloġija. Dwar punt 2.1 tissottolinea li l-użi eżistenzi kollha tal-art fiż-żona ta' influwenza tal-proġett ġew inklużi fir-rapport tal-EIA, b'dan għarbel limpatti tal-proġett propost inkluż l-operat tiegħu fuq is-sit u l-madwar hekk kif mitlub milL.S. 549.46.

Illi fil-mori tal-appell, xehed bil-gurament is-Sur Yves De Blick, rapprezentant tal-ERA, li fiha inghatat informazzjoni dwar jekk l-EIA jikkonsidrax heavy vehicles li jghaddu mis-sit. Mistoqsi dwar zewg passaggi, wiehed ghaddej mill-sit, u wiehed immedjatament magenb, spjega *"The EIA included a study on land use and that resulted based on a survey that was made by the consultants in a land use map so every Environmental feature is present currently was reflected on map included the uses the active quarries on site neighbouring roads etc. So all the features that are present on site have been assessed in the study by the consultant."* u *"Given that the this is not currently present on site it is not part of the land use and that was not included in the EIA report. Given that land use map reflects a quarry void on site."*. Dwar l-impatti potenzjali ta' dan il-passagg spjega *"Well the purpose of the assessment is to assess the implications of the project on the environment. So given that this passage way does not form part of the proposal assessed that was presented to ERA for assessment, the assessment will only look at the impacts from the project on the Environment in addition to any accumulation with any other existing features in the area."* [Seduta tat-13 ta' Gunju, 2023].

Illi gie pprezentat affidavit tal-Perit Mario Cassar ghan-nom tal-appellanti, fejn jigi ndikat li dan l-affidavit intalab waqt is-seduta tal-Bord tal-Ippjanar rigwardanti l-applikazzjoni PA/08969/19. Jindika li huwa gie moghti l-inkarigu mill-appellanti dwar kif ser tigi affetwata sertivu ta' passagg, u li huwa zamm access fuq is-sit fil-prezenza ta' John Ghigo (wiehed mill-appellanti), b'dan ghamel referenza ghal pjanta annessa ma' kuntratt li tispecifika passagg bi dritt ta' access minn Triq il-Belt Valletta, bil-wisa tal-passagg hija 3.965 metri. Dwar il-kontestazzjoni jindika li John Ghigo kien ghamel ftehim verbali ma' certu Salvu Zahra sabiex l-imsemmi passagg jigi skavat u minfloku l-istess Zahra jipprovdi access millpropjeta tieghu minn passagg fuq in-naha tax-xellug, u jidher li l-passagg originali gie spustjat ghal-lok prezenti bejn l-2004 u l-2008. Jindika li l-pjanti 99e/f jeliminaw dan laccess/passagg, u li fl-ahhar pjanta 104c il-passagg gie nkluz. Jikkonkludi billi jigbed lattenzjoni tal-Awtorita tal-Ippjanar

li l-izvilupp ser ikun fuq passagg ghal-barrieri retrostanti, b'hekk l-Awtorita ghandha taghmel kundizzjoni li l-access alternattiv indikat fuq il-pjanta 104c jaghmel parti mill-izvilupp. Jesprimi l-fehma tieghu li dan il-passagg ghandu jigi ndikat li ma jistax jigi nterrot, u sabiex dan isehh kull *retaining wall/struture* b'konnessjoni marrampa tal-access ghandhu jigi mibni bhala parti mill-izvilupp propost, bit-turning radius ghat-triq jigi kkonfermat minn Transport Malta. Jindika wkoll li fir-rapport ta' AIS ma' giex inkluz l-access ghall-barrieri, li l-attur tar-rapport kien evasiv ghad-domandi ta. Dr. Massimo Vella [Affidavit sottomess nhar it-28 ta' Gunju, 2023, u mahluf waqt is-seduta mizmuma tal-11 ta' Jannar, 2024].

Illi xehed bil-gurament il-Perit Mario Cassar fejn indika li fl-ewwel site plan 1A gie nkluz ilpassagg attwali tal-ahwa Ghigo, u fit-tieni site plan 104L dak inqata barra, izda baqa inkluz fil-pjanta 104C. Jispjega li fir-rapport tieghu gibed l-attenzjoni tal-Bord li l-pjanti 99B u 99F li m'humiex superseded, u jindika li minn dan il-passagg jghaddu trakkijiet kbar li jservu barrieri li jaqtghu l-gebel minnhom. Jitlob li jigu meqjusa l-aerial views li hemm fir-rapport tieghu, u jishaq li sabiex il-passagg, ghandu bzonn isir *retaining wall* [Seduta tal-11 ta' Jannar, 2024].

Illi dan it-Tribunal ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet li saru mill-Partijiet;

Ikkunsidra
Illi dan l-appell huwa fil-konfront ta' decizjoni mehuda mill-ERA dwar (Valutazzjoni talImpatti Ambjentali) EIA li b'mod ewlieni jirrigwarda rijabilitazzjoni ta' barriera mhux uzata, u bini ta' dar tal-anzjan, dan hekk kif propost fl-applikazzjoni tal-izvilupp tat-tip *outline* PA/08969/19 li prezentament hija pendenti quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar.
Illi fl-appell imressaq huwa argumentat li l-EIA u d-decizjoni tal-ERA fuq dan l-EIA huma vizjati, u dan b'mod ewlieni dan qed jigi attribwit lejn nuqqas li l-EIA jiehu kont tal-impatti mahluqa mid-dritt ta' passagg li jghaddi mis-sit in mertu u/jew mill-vicinanzi, liema passagg ser jintuza primarjament minn trakkijiet li jkunu gejjin u sejrin mill-barrieri taghhom. Lappellanti jindikaw li minkejja l-applikant kien a konoxxenza ta' dan id-dritt ta' passaġġ, dan ghazel li ma jsemmix l-istess, u minkejja li dana kollu ingab a konjizzjoni tal-ERA, hija injorat is-sottomissjonijiet taghhom.
Illi dwar il-pozizzjoni tal-imsemmi dritt ta' passagg gie pprezentat affidavit tal-Perit Mario Cassar li fieh jigi pprovdut dawl fuq l-allegat dritt ta' passagg, fejn jigi ndikat li d-dritt ta' passagg jirrizulta minn pjanta annessa ma' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. J.R. Darmanin datat 2 ta' Dicembru 1981, b'dan il-passagg gie spustjat ghal-lok prezenti wara li kien sar ftehim verbali sabiex il-passagg indikat fil-pjanta tal-kuntratt jigi skavat. Illi f'dan l-affidavit gew inkluzi numru ta' pjanti li jinkludu kopja tal-pjanta tal-kuntratt tal-1981 (indikata Dok A), ritratti mill-ajru tal-1988, 1998, 2004, 2008 u 2016, u kopja ta' *site plans* 1a u 104i, u talpjanti 99e, 99f u 104c tal-applikazzjoni PA/08969/19 [Affidavit sottomess nhar it-28 ta' Gunju, 2023, u mahluf waqt is-seduta mizmuma tal-11 ta' Jannar, 2024]. Illi minn dawn il-provi jirrizulta li lpassagg indikat fil-pjanta 'Dok A' m'ghadux ezistenti fl-interita tieghu, u li l-passagg ezistenti li jwassal ghall-barrieri fuq in-naha retrostanti tas-sit odjern (mmarkat A B C fuq numru ta' pjanti) huwa inkluz fil-konfini tas-sit skont is-*site plan* a fol 1a u eskluz mill-konfini tas-sit skont is-*site plan* aggornata a fol 104i. It-Tribunal josserva wkoll li gew provduti millappellanti kopja tal-kuntratt tal-1981 u l-pjanta annessa mieghu [Dok C anness mar-rikors tal-appell], u li l-pjanta 'Dok A' elenkata f'dan l-affidavit hija kopja tal-pjanta tal-kuntratt tal-1981.
Illi dan iwassll ghall-kwistjoni in mertu, ossia jekk l-imsemmi dritt ta' passagg kellux jigi meqjus fl-EIA soggett ghall-appell odjern. It-Tribunal fl-ewwel lok josserva li fir-risposta tassocjeta applikanti, kif ukoll fir-risposta tal-ERA, qed jigi ndikat li l-allegat drittijiet qed jigu kkontestati stante li huma soggett ghal kawza civili li hija pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u dan mhux jigi kontradett mill-appellantu, b'hekk isegwi li l-provi pprezentati mill-appellanti dwar id-dritt ta' passagg ghandhom jigu kkunsidrati f;dan lambitu.

Illi l-appellanti qed jaghmlu referenza specifika ghal ittra tat-28 ta' Mejju 2021 mibghuta mill-ERA b'reazzjoni ghall-ilmenti mressqa minnhom. F'dan ir-rigward, l-ERA tindika li l-ittra taghha giet appellata quddiem it-Tribunal, li l-appell relattiv numru 197/21 gie michud mitTribunal, u li d-decizjoni tat-Tribunal giet kkonfermata mill-Qorti tal-Appell [In-numru ta' referenza tal-appell tal-Qorti gie ndikat 38/22 fir-risposta tal-ERA, u korrett ghal 21/22 waqt it-trattazzjoni finali]. It-Tribunal josserva li f'dawn id-decizjonijiet gie meqjus li dak li gie ndikat fl-imsemmija ittra tal-ERA ma' jammontax ghal decizjoni finali, ghalkemm huwa tajjeb li jsir accenn ghal dak li ndikat il-Qorti dwar il-kontenut tal-ittra tal-ERA, ossia: *"Sfortunatament l-ittra kienet kategorika u esprimiet fehma li kellha semmai tkun riflessa bhala konsiderazzjoni fid-decizjoni talAwtorita mill-EIA. Tali fehma tal-Awtorita kienet prematura fic-*

*cirkostanzi.”.* Illi fir-risposta tal-ERA ghall-appell odjern, din l-Awtorita zammet ferma ma’ dak li gie ndikat fl-ittra taghha tat-28 ta’ Mejju 2021, li huwa s-segwenti:
*“The aim of an Environmental Impact Assessment (EIA) is to assess the likely significant impacts of a proposed project on the environment. Any other issues that go beyond such intent should be referred directly to the Planning Authority to take cognizance of such issues during the decision-making process for the said development planning application.”* [Dok ERA 1 anness mar-risposta tal-ERA]

Illi b’rabta ma’ dak li l-ERA ndikat fl-ittra tat-28 ta’ Mejju 2021, fir-risposta taghha l-ERA amplifikat billi tispjega li l-EIA huwa mahsub biex jistudja l-impatti li progett propost ser ihalli fuq l-ambjent ta’ madwaru, u mhux bil-kontra kif jippretendu l-appellanti. Illi kemm lappellanti kif ukoll l-ERA jaghmlu referenza ghad-definizzjoni ta’ “effett” inkluza fillegislazzjoni sussidjarja 549.46, ossia r-Regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (EIA), bid-definizzjoni hija hekk kif segwenti:
*"effett" tfisser effett fuq l-ambjent, u tinkludi:*
*(a) effetti diretti fuq l-ambjent, li huma kkaġunati minn xi proġett jew minn xi intervent jewazzjoni relatata;*
*(b) effetti indiretti u sekondarji fuq l-ambjent, ikkaġunati minn xi proġett jew minn xiinterventi jew azzjonijiet relatati, li jistgħu jseħħu aktar tard jew aktar ’ilbogħod, jew li jistgħu jseħħu indirettament minħabba: bidliet ikkaġunati mill-proġett jew intervent; spostament ta’ użi oħra; it-telfien ta’ opportunitajiet alternattivi minħabba l-użu jew impenn propost; jew l-interazzjoni tal-proġett jew intervent mal-elementi naturali jew ma’ forzi antropoġeniċi jew mal-ambjent tal-madwar;*
*(ċ) effetti kumulattivi fuq l-ambjent; u*
*(d) effetti fuq is-saħħa u s-sigurtà tal-bniedem, il-kundizzjonijiet soċjo-ekonomiċi, il-wirt naturali u kulturali, u l-kwalità tal-ħajja, ikkaġunati minħabba tibdil fl-ambjent;*

Illi fl-argumentazzjoni tal-appellanti huwa ndikat li l-ERA njorat il-fatt li d-dritt ta’ passagg gawdut minnhom ser ikollu effett fuq is-sahha, s-sigurta, u l-kwalità tal-hajja, b’mod partikolari fuq l-anzjani li ser ikunu jirrisjedu fid-dar tal-anzjani li qed tigi proposta [Punt 19 fir-rikors tal-appell]. Illi dan huwa marbut direttament mat-tifsira ndikata fil-parti (d) tad-definizzjoni, madankollu itTribunal josserva li l-ahhar parti ta’ din id-definizzjoni tinkludi l-kliem *“ikkaġunati minħabba tibdil fl-ambjent”*, u dan b’mod logiku jfisser li l-effett li titkellem fuqu din id-definizzjoni huwa dak li l-progett propost ikollu, u mhux impatt li attivitajiet ezistenti jkollhom fuq ilprogett.

It-Tribunal jaghmel ukoll referenza ghad-definizzjoni ta’ EIA inkluza fil-legislazzjoni sussidjarja 549.46, li taqra hekk kif segwenti:
*"valutazzjoni tal-impatti ambjentali" jew "VIA" tfisser il-proċess li **jidentifika, ibassar, jivvaluta, jevita u jtaffi l-effetti ambjentali rilevanti ta’ proġetti u interventi fiżiċi proposti** qabel ma jsiru d-deċiżjonijiet u l-impenji rilevanti, u tinkludi, kif indikat f’aktar dettall f'dawn ir-regolamenti:*
*(a) it-tħejjija ta’ rapport tal-VIA mill-iżviluppatur;*
*(b) it-twettiq ta’ konsultazzjonijiet, fosthom konsultazzjonijiet ma’ entijiet tal-Gvern u malpubbliku interessat;*
*(ċ) l-analiżi, mill-Awtorità, tar-rapport tal-VIA u ta’ kull informazzjoni supplementari pprovduta jew riċevuta, mingħand l-iżviluppatur jew permezz ta’ konsultazzjonijiet;*
*(d) **il-konklużjoni motivata tal-Awtorità dwar l-effetti sinifikattivi tal-proġett fuq lambjent**, filwaqt li jitqiesu r-riżultati tal-analiżi msemmija fil-paragrafu (ċ) u l-analiżi supplimentari tagħha stess; u*
*(e) l-integrazzjoni tal-konklużjoni motivata tal-Awtorità fid-deċiżjoni dwar l-il-proġett jew f’xi deċiżjoni oħra rilevanti;* [enfasi mizjuda mit-Tribunal]

Illi mis-suepost jirrizulta li l-EIA huwa process li jinkludi stharrig dwar l-impatt ambjentali ta’ progett li jkun qed jigi propost. Illi kif indikat fir-risposta tal-ERA, l-impatti li l-appellanti jilmentaw ma gewx studjati huma impatti mahluqa mid-dritt ta’ passagg, b’dawn jaghmlu referenza ghal hsejjes, vibrazzjonijiet u emissjoni ta’ trabijiet minhabba l-uzu tal-passagg ghal trakkijiet li jintuzaw ghallbarrieri taghhom. It-Tribunal huwa fi qbil ma’ l-ERA li dawn l-allegat impatti ma jaqawx fil-parametri tal-EIA li dwaru sar l-appell odjern, stante li mhuwiex fil-kompitu tal-EIA li jistharreg kif l-ambjent jew l-uzu ezistenti ser jaffetwa lill-progett li qed jigi propost.

Illi oltre minn hekk, it-Tribunal josserva li filwaqt li l-appellanti jaghmlu referenza ghal impatti mahluqa mid-dritt ta’ passagg, dawn naqsu milli jipprovdu evidenza konkreta dwar tali impatti, bhal per ezempju l-istat attwali tal-barrieri taghhom, inkluz jekk dawn humiex attivi jew ezawriti, u lfrekwenza

tat-trakkijiet li jaccessaw dawn il-barrieri. Illi f'dan ir-rigward it-Tribunal josserva li laffidavit tal-Perit Cassar jonqos milli jindika b'mod car li jekk il-passagg attwali [Il-passagg attwali huwa dak indikat A B C fuq numru ta' pjanti inkluzi fl-affidavit tal-Perit Cassar] huwiex prezentament jintuza, u fi kwalunkwe kaz, dan il-passagg fl-ahhar mill-ahhar iwassal ghal barrieri li hemm f'din iz-zona, li fir-rapport tal-EIA in kwistjoni gew meqjus, u dan kif ser jigi ndikat b'mod aktar dettaljat aktar il-quddiem. B'hekk filwaqt li d-dritt ta' passagg li l-appellanti jaghmlu referenza ghalieh huwa soggett ghal kawza civili li hija pendenti quddiem il-Qorti Civili, kwalunkwe ezitu f'dan ir-rigward ma jbiddilx il-konkluzzjonijiet tal-EIA li fuqhu l-ERA hadet pozizzjoni, dan ghaliex kif indikat precedentament, l-EIA huwa stharrig l-impatti ambjentali ta' progett propost, u mhux ilkontra, igifieri stharrig dwar possiblita' ta' mpatti fuq il-progett li jkun qed jigi propost, f'dan il-kaz mill-allegat dritt ta' access. Wara kollox, jekk waqt il-process ta' ppjanar jirrizulta li l-imsemmi dritt ta' access ser jaffetaw dan il-progett li qed jigi propost, jkun necessarju li l-progett jigi mibdul jew emendat, u f'dak il-kaz l-ERA tkun tista' titlob aġġornament jew valutazzjoni mill-ġdid ghassodisfazzjon taghha *ai termini* tar-regolament 24(3) tal-legislazzjoni sussidjarja 549.46, li jipprovdu hekk kif segwenti:
*Kull fejn l-Awtorità tkun tal-fehma li l-kuntest ambjentali tal-proġett jew is-sitwazzjoni fuq issit inbidlu materjalment wara t-tlestija ta' valutazzjoni tal-impatti ambjentali, tista':*
*(a) tesiġi li l-valutazzjoni eżistenti jew xi dokumentazzjoni relatata tiġi aġġornata kif imss għas-soddisfazzjon tagħha, jew li jiġu sottomessi xi dokumenti ulterjuri għas-soddisfazzjon tagħha. L-Awtorità għandha tiddeċiedi, skont ma jidhrilha hi, jekk il-proġett jistħoqqlux eżami tar-rilevanza mill-ġdid jew definizzjoni tal-ambitu mill-ġdid, jew it-tnejn li huma; jew*
*(b) tesiġi li ssir valutazzjoni ġdida skont dawn ir-regolamenti sabiex tieħu post il-valutazzjoniantikwata. Il-valutazzjoni l-ġdida għandha ssegwi l-proċeduri normalistabbiliti f'dawn irregolamenti għall-proġett li qed jiġikkunsidrat, u għaldaqstant għandhom ikunu meħtieġa kemm l-eżami tar-rilevanza kif ukoll id-definizzjoni tal-ambitu.*

Illi l-appellanti jindikaw ukoll li partijiet mill-*EIA Review Checklist* pubblikata millKummissjoni Ewropea jirrikjedu li jitqies id-dritt ta' passaġġ taghhom u anke li huma jigu identifikati bhala utenti ta' tali dritt ta' passagg. Illi a skans ta' ripetizzjoni it-Tribunal ghal darb'ohra jaghmel referenza ghal dak li gie ndikat aktar kmieni dwar il-kontestazzjoni civili dwar id-dritt ta' passagg li fuqu huwa msejjes l-appell odjern. It-Tribunal josserva wkoll li lprocess tal-EIA huwa regolat bil-ligijiet a' Malta, ossia l-legislazzjoni sussidjarja 549.46 (regolamenti tal-EIA) li jittrasponi konvenzjoni, direttiva u regolament Ewropej [Skont ir-regolament 1(2) tal-legislazzjoni sussidjarja 549.46], b'hekk ilmerti tal-EIA in kwistjoni huma soggett ghal skrutinju minn dawn ir-regolamenti, u mhux ic*checklist* tal-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa ndikat fl-istess gwida Ewropea li fil-parti inizzjali dwar kif ghandhu jintuza d-dokument hemm specifikat *"This Guidance Document has been designed to be used throughout the European Union (EU) and cannot, therefore, reflect all of the specific legal requirements and practices of EIA in the different EU Member States."* [Skont pagna 19 ta' 'Guidance on the preparation of the EIA Report' li fih hemm inkluz l-EIA Review Checklist (Part C tal-gwida) li ghalih jaghmlu referenza l-appellanti u li tieghu pprovdew kopja indikata Dok 'D']
It-Tribunal josserva wkoll li l-*EIA Review Checklist* pubblikata mill-Kummissjoni Ewropea tinkludi lista ta' mistoqsijiet, bil-gwida tispejga hekk kif segwenti:
*"Each section includes a number of questions for consideration. These questions are numbered per question in the first column and are stated in full in the second. The third and fourth columns concern if they are relevant and if they have been adequately addressed respectively. The final column is dedicated to the question of what further information is required.*
*Some instructions for using the checklist have been provided below, but the checklist has, in essence, been developed as a flexible tool to enable different actors in the EIA procedure to use it at different stages of the procedure."* [Skont il-parti 1 tal-EIA Review Checklist]

Illi l-gwida tkompli billi tindika hekk kif segwenti:
*"In considering whether the information is complete and sufficient the reviewer should consider whether there are any omissions in the information and whether these omissions are vital to the consultation or decision-making processes.* ***If these omissions are not vital, then it may be unnecessary to identify or request further information. This will avoid unnecessary delay to the EIA process.****"* [Skont il-parti 2 tal-EIA Review Checklist] [enfasi mizjuda mit-Tribunal]

Illi b'hekk hija korrett l-ERA meta tilmenta li l-appell odjern jista jxekkel il-valutazzjoni tal-impatti ambjentali li ghalieh huwa ntiz il-process tal-EIA, ghaliex il-kwistjoni imqajjma dwar id-dritt ta' passagg u l-impatti tieghu tmur oltre l-iskop li ghalieh huwa ntiz l-EIA in kwistjoni, u b'hekk konsiderazzjoni ta' dan tista xxekkel il-process tal-EIA u tirrizulta f'dewmin mhux necessarju.

Illi b'mod addizzjoni, dwar il-punti 1.13 u 1.2 tac-*checklist* li ghalijhom l-appellanti jaghmlu referenza, jirrizulta li fil-punt 1.13 hemm imnizzla l-mistoqsija *"Have any other existing or planned developments, with which the Project could have cumulative effects, been identified?"* u fil-punt 2.1 hemm imnizzla l-mistoqsija *"Have the existing land uses on the land to be occupied by the Project and the surrounding area described and are any people living on or using the land been identified?"*. Illi dwar dawn il-mistoqsijiet l-ERA tindika li kull zvilupp ezistenti fiz-zona ta' influwenza gie mehud in konsiderazzjoni fl-EIA in kwistjoni, li ma gewx identifikati zviluppi ohra ppjanati ġewwa l-istess żona, u li l-EIA identifika impatti kumulattivi fuq xi elementi tal-geoloġija u l-idrologija. Dak li qed tindika l-ERA huwa sostnut bil-kontenut tar-rapport tal-EIA li jindika li fiz-zona ta' nfluenza [Iz-zona ta' nfluenza ghal dak li jirrigwarda l-uzu tal-art hija ndikata fil-parti 5.2.1 tal-EIA bhala "The area of Influence (AoI) includes the footprint of the Scheme and a 100m buffer zone around the site to encompasses the land uses within the surrounding areas, as indicated in Figure 23." gew identifikati diversi uzi li jinkludu uzi agrikoli, uzi kummercjali, barrieri ezawriti u barrieri li ghadhom joperaw, u zoni residenzjali [Parti 5.2 tar-rapport tal-EIA]. B'referenza ghall-barrieri f'din iz-zona ta' nfluenza, gie ndikat kif segwenti:
*"A significant portion of the AoI forms part of the quarrying complex which includes quarry SM61, the scheme site. Various sections of the quarrying complex have been exhausted from past rock extraction activities and are now dominated by ruderal vegetation which has sporadically covered most barren quarry voids. These areas of disturbed ground are found on the west and east sides of the quarry and are recognised from the lowered voids that support opportunistic plant species amongst scattered piles of inert waste.*
*[…]*
*The site proposed for development of the old people's home is predominantly used for quarrying activities. Active machinery was observed transferring inert material during the land survey in August 2020, and stacks of franka boulders indicate recent rock-cutting activity. Figure 37 and Figure 38 give a perspective of the topography of the quarry, with its deepest void being centrally-located and with gradual slopes to the peripheries of the site.*
*The built-up structures which are marked for demolition in the proposed plans are visible on the right-hand side in Figure 38. Access to the quarry is via a ramp which connects the complex to Triq Valletta as seen in Figure 39. A second active quarry with rock cutting machinery and franka boulders was present adjacent to the site of the Scheme (Figure 40)."* [Partijiet 5.2.2.3 u 5.2.2.4 tar-rapport tal-EIA]

Illi mis-suespost jirrizulta li l-prezenza tal-barrieri fiz-zona t'influwenza kienet wahda millelementi ezistenti li gew meqjusa fir-rapport tal-EIA. It-Tribunal josserva li l-figura 23 u li lparagrafu 5.2.1 tar-rapport tal-EIA jindikaw li z-zona ta' nfluwenza ghal dak li jirrigwarda luzu tal-art jinkludi kemm is-sit proposta ghall-izvilupp kif ukoll ragg ta' 100 metru madwar is-sit, u dan jinkludi parti mill-barriera tal-appellanti murija fuq il-pjanta anness mal-kuntratt tal-1981 [DoK C anness mar-rikors tal-appell]. Illi filwaqt li l-appellanti qed iqisu dan id-dritt ta' passagg li fuqu jsejjsu l-appell bhala wiehed b'hajja indipendenti mill-barrieri, fl-ahhar mill-ahhar l-imsemmi dritt ta' passagg huwa intiz ghall-barrieri iniffishom, u kif gie ndikat, l-imsemmija barrieri fiz-zona t'influwenza gew meqjusa. Illi barra minn, fir-rapport tal-EIA hekk gew identifikati impatti kumulattivi fuq xi elementi tal-ġeoloġija u l-idroloġija [Parti 8.2 tar-rapport tal-EIA], u dan kollu huwa evidenza li r-rapport tal-EIA in kwistjoni jinkludi konsiderazzjoni ta' x'jezistu fiż-żona ta' influwenza u x'ser ikunu l-impatti, inkluz l-impatti kumulattivi. It-Tribunal b'mod addizzjonali josserva li mkien filpunti 1.13 u 1.2 ma' jigix mistoqsi jekk ghandhux jitqies dritt ta' passagg, kif donnhom jallegaw l-appellanti.
Illi fil-punt ahhari tal-aggravji jigi ndikat li d-decizjoni tal-ERA hija vizzjata minn:
a. Żball materjali ta' fatt;
b. Żball proċedurali materjali;
c. Żball ta' liġi; u
d. Illegalità materjali, irraġonevoli, konsiderazzjoni ineffettiva jew insuffiċjenti ta' effettinegattivi u/jew nuqqas ta' proporzjonalità.
Dwar il-punt 'a', it-Tribunal iqis li ma sar ebda zball materjali dwar il-fatti ghaliex kif gie ndikat mill-Awtorita u mis-socjeta applikanti, il-kwistjoni dwar id-dritt ta' passagg hija prezentament soggetta ghal proceduri civili pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell, u fi kwalunkwe kaz id-dritt ta' passagg ma jaqax fl-iskop tal-EIA in kwistjoni. Dwar il-punt 'b' itTribunal josserva li l-appellanti ma jindikawx b'liema mod sar zball procedurali materjali, u b'mod addizzjonali josserva li jekk sar xi zball procedurali, dan kien min-naha tal-appellanti meta ntavolat appell kontra l-ittra tal-ERA datata 28 ta' Mejju 2021, ghaliex dawn kellhom jistennew id-decizjoni finali tal-istess ERA. Dwar il-punt 'c', it-Tribunal josserva li filwaqt li lappellanti jallegaw zball ta' ligi b'referenza ghad-definizzjoni ta' "effett" inkluza fillegislazzjoni sussidjarja 549.46, kif gie kkunsidrat aktar kmieni, l-effett li titkellem fuqu lparti (d) tad-definizzjoni

huwa dak li l-progett propost ikollu, u mhux impatt li attivitajiet ezistenti jkollhom fuq il-progett. Dwar il-punt 'd' it-Tribunal josserva li l-appellanti jonqsu milli jispjegaw l-allegazzjoni taghhom dwar 'Illegalità materjali, irraġonevoli' u 'nuqqas ta' proporzjonalità', filwaqt li kif gie ndikat aktar kmieni, il-konsiderazzjonijiet tal-EIA in kwistjoni kienu sufficjenti fl-ambitu ta' dak mitlub fir-regolamenti tal-EIA. It-Tribunal finalment josserva li dak li fuqu ddecidiet l-ERA hija l-valutazzjoni ambjentali talprogett propost, u dan bl-ebda mod m'ghandu jippreġudika kwalunkwe drittijiet li lappellanti jista jkollhom, u kull azzjoni li huma jista` jiehdu f'dan ir-rigward, pero certament li tali kwistjonijiet imur oltre mill-mansjoni tal-ERA u ta' dan it-Tribunal.

Decide:
Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal qieghed jichad dan l-appell u jikkonferma d-decizjoni mehuda mill-Awtorita` ghall-Ambjent u r-Rizorsi (ERA) fis-27 ta' Jannar 2023 rigward EIA b'referenza EA

## Ikkunsidrat

L-aggravju tal-appellanti hu s-segwenti:

1. Billi l-passagg mertu tal-appell huwa muri fil-pjanti ta' zvilupp kellu jittiehed kont tieghu u mhux injorat ghax hu sors ta' hsejjes u vibrazzjonijiet minn heavy vehicles ghal garr tal-gebel u maqtugh mill-barriera tal-appellanti u jista' jaghmel effett fuq l-izvilupp. L-ERA kienet zbaljata meta f'ittra tat-28 ta' Mejju 2021 qieset li l-iskop ta' EIA hu biex jitqies l-impatt tal-progett fuq l-ambjent u kwistjonijiet ohra jitqiesu meta l-progett ikun qed jigi valutat mill-MEPA. Isostnu li r-regolamenti dwar l-EIA cioe L.S. 549.46 li jinkludi effetti kumulattivi fuq l-ambjent u s-sahha u sigurta tal-bniedem kellhom jitqiesu fl-EIA u mhux limitati biss ghall-impatt tal-progett fuq l-ambjent izda wkoll l-impatt tal-madwar fuq l-izvilupp. Dan jirrizulta mic-checklist dwar l-EIA Review Checklist pubblikata mill-Kummissjoni Ewropea li f'paragrafi 1.13 u 2.1 tirreferi ghal identifikazzjoni ta' zviluppi ohra ezistenti jew pjanati fiz-zona immedjata. Ghalkemm it-Tribunal ikkunsidra li l-passagg jinsab fiz-zona ta' identifikazzjoni qies li t-terzi ma gabux provi tal-impatt li ser ikollu fuq l-izvilupp. L-aggravju kien li l-passagg u l-uzu tieghu kellu jigi kunsidrat fl-EIA in konnessjonni mal-izvilupp propost.

Il-Qorti ma tqis li l-appell tat-terzi hu gustifikat. Jirrizulta bhala fatt li hemm passagg li t-terzi jqisu ghandhom jedd ta' transitu minnu ghalkemm jidher kontestat, li ghalkemm inkluz fiz-zona tal-madwar tal-izvilupp kif kostatat mit-Tribunal mhux strettament parti mill-izvilupp propost. L-iskop tal-EIA, kif jghid sew it-Tribunal hu intiz biex jivvaluta l-impatt tal-izvilupp fuq l-ambjent tal-madwar kif ukoll dak zviluppat jew jista' jigi zviluppat u mhux bil-kontra. Dan jidher mir-regolamenti 1.3 u 7 tar-regolamenti dwar il-Valutazzjoni tal-Impatti Ambjentali (L.S. 549,46). Ghalhekk jghid sew it-Tribunal li l-effetti li jista' jkollu d-dritt ta' passagg fuq il-progett ghandu jigi kunsidrat waqt l-ipprocessar tal-izvilupp mill-Awtorita tal-Ippjanar bhala

konsiderazzjonijiet ta' relevanza li jistghu jkollhom effett fuq il-vijabilita tal-izvillupp u dan skont regolament 24(3) tal-L.S. 549.46.

Il-parti tal-aggravju dwar l-EIA Checklist mahruga mill-Kummissjoni Ewropea biex jiffacilita l-implimentazzjoni korretta tal-EIA wkoll ma hix ta' fejda ghal-appellanti. Il-paragrafu 1.13 f'sezzjoni 1 kwotata mill-appellant tirreferi ghall-identifikazzjoni ta' zviluppi ezistenti li maghhom l-izvilupp jista' jkollu effetti kumulattiv. Dan il-passagg fil-fatt gie identifikat fi pjanta tal-applikant u ghalkemm imnehhi bi pjanta sussegwenti mill-applikant, it-Tribunal irrikonoxxa l-ezistenza tal-passagg u l-fatt li jaqa' fiz-zona ta' influenza, b'danakollu qies li din il-kwistjoni kollha tigi indirizzata meta jigi kunsidrat l-izvilupp fil-mertu tieghu quddiem l-Awtorita tal-Ippjanar. In kwantu ghal paragrafu 2.1 f'sezzjoni 2, din tirreferi ghal identifikazzjoni ta' uzi tal-art li fuqha ser isir l-izvilupp u dik tal-madwar u jekk jghixux nies fuqha jew l-uzu taghhom. Din ukoll tirrizulta mill-konsiderazzjonjiet tat-Tribunal. Il-Qorti ma taqbilx b'danakollu li f'dan l-istadju t-terzi kellhom jaghmlu prova tal-uzu li attwalment isir jew id-dritt o meno fuq l-istess passagg. Din hi kwistjoni li trid tigi indirizzata quddiem l-Awtorita meta jigi kunsidrat l-izvilupp fil-mertu u l-vijabilita tieghu mehud in konsiderazzjoni aspetti aktar mifruxa tal-izvilupp inkluz l-ambjent u zviluppi fil-madwar u kif dawn ser ikollhom effett fuq l-izvilupp mitlub u konsegwentement hux vjabbli.

Ghalhekk il-Qorti, ghalkemm ghal ragunijiet ftit differenti mit-Tribunal, ma tqis li l-appell hu gustifikat.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell tat-terzi u tikkonferma d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tat-20 ta' Gunju 2024, spejjez ghall-appellanti.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur